MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 18/2002/1

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 18/2002/1

Louis, Eucharistica Saliba, Catherine Camilleri, Maria Portelli, Victor, George, Josephine Sillato, u John ilkoll ahwa Sultana; l-imsemmi Louis Sultana tant f'ismu kif ukoll bhala mandatarju ta' Joseph u Victor ahwa Sultana ; kif ukoll ta' Joseph u Lina Pace ahwa Bajada; kif ukoll ghan-nom ta' John Bajada u Mikelina Caruana ahwa Bajada – ilkoll imsefrin ;

Michael, Catherine Rotin, Antoniette Cassar, John, Joseph, u Anna ahwa Sultana;

Marianna Buttigieg, Catherine sive Kathy Pace, Carmel sive Charlie ahwa Bajada;

Joseph, Michelina Borg, Massimiliano, George, Rita u Maurice ahwa Farrugia ;

Joseph Mary, Michael, Mario, John, Victor, Maria Carmela Farrugia, u George ahwa Farrugia ;

Michael, George, Nicholas, Maria Parascandalo, u Yvonne Bugeja ahwa Farrugia .

vs

Alfonso u Isabella konjugi Mizzi .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :
Illi Carmela mart Joseph Galea, bint John Sultana u Catherine nee' Spiteri, mietet improle u intestata fis-sebgha (7) ta' Marzu elf disa' mija tlieta u tmenin (1983), u ghal hekk skond il-ligi wirtuha kwantu ghal nofs indiviz zewgha, u n-nofs indiviz l-iehor hutha, u d-dixxendenti ta' hutha predefunti, bejniethom per stirpes ;

Illi effettivament Carmela Galea kellha sitt hutha, u cioe' Joseph, Manwel, Louis, Marianne sive Mananni Bajada, Victoria Bajada, u Mikelina Farrugia .

Illi Joseph Sultana miet fil-hmistax (15) ta' Mejju elf disa' mija tlieta u disghin (1993) u wirtuh it-tmien uliedu Louis, Eucharistica Saliba, Catherine Camilleri, Maria Portelli, Victor, George, Josephine Sillato, u John – illi allura wirtu kwota ta' parti wahda minn tmienja u erbghin parti (1/48) kull wiehed u wahda minnhom ;

Illi Emanuel Sultana miet fl-ewwel ta' Mejju elf disa' mija u tmienja u disghin (1.5.98) u wirtuh is-sitt uliedu Michael, Catherine Rotin, Antoinette Cassar, John, Joseph u Anna Sultana – illi allura wirtu kwota ta' parti wahda minn sitta u tletin parti (1/36) kull wiehed ;

Illi Louis Sultana miet u wirtuh iz-zewg uliedu Joseph u Victor Sultana illi allura ghandhom kwota ta' dodicesima parti (1/12) parti indiviza kull wiehed ;

Illi Marianne Bajada mietet fis-sbatax (17) ta' Jannar, elf disa' mija disgha u tmenin (1989) u wirtuha l-hamest uliedha, Marianna Buttigieg, Catherine sive Katy Pace, Carmel sive Charlie, Joseph, u Lina Pace illi allura wirtu kwota ta' parti minn sitta u tletin parti (1/36) kull wiehed ;

Illi Victoria Bajada mietet fil-hmistax ta' April elf disa' mija tmienja u sebghin (15.4.78) u ghal hekk sehemha kien ghadda fuq iz-zewgt uliedha, John Bajada, Michelina Caruana, illi allura ghandhom kwota ta' dodocesima parti (1/12) parti indiviza kull wiehed ;

Illi Mikelina Farrugia kienet mietet fid-disgha ta' Ottubru elf disa' mija tmienja u tletin (9.10.1938) u ghalhekk sehemha kien ghadda fuq it-tlett uliedha John, Joseph Mary, u Anthony Farrugia ;

Illi John Farrugia kien miet fit-tmienja u ghoxrin ta' Frar elf disa' mija u tmenin (28.2.1980) u sehmu, parti wahda minn tmintax (1/18) ghadda fuq uliedu li huma Joseph, Michelina Borg, Massimiliano, George, Rita Farrugia u

Maurice – illi allura ghandhom parti wahda minn mija u tmienja (1/108) kull wiehed u wahda ;

Illi Joseph Mary Farrugia miet fit-tnejn ta’ Frar elf disa’ mija u erbgha u tmenin (2.2.1984) u sehmu ghadda fuq is-sebat uliedu, Joseph Mary, Michael, Mario, John, Victor, Maria Carmela Farrugia, u George lkoll ahwa Farrugia, illi allura ghandhom kwota ta' parti minn mija u sitta u ghoxrin (1/126) kull wiehed u wahda ;

Illi Anthony Farrugia miet fit-tnax ta’ Gunju elf disa’ mija erbgha u disghin (12.6.1994) u wirtuh il-hamest uliedu Michael, George, Nicholas, Maria Parascandolo, u Yvonne Bugeja – illi allura ghandhom kwota ta’ parti minn disghin (1/90) kull wiehed u wahda ;

Illi l-assi ta’ Carmela Galea jikkonsistu fin-nofs indiviz spettanti lilha mill-komunjoni gia ezistenti bejnha u bejn zewgha ;

Illi Joseph Galea, ir-ragel ta’ Carmela Galea miet fil- u dan innomina bhala eredi universali tieghu lill-konjugi Alfonso u Isabella Mizzi, il-konvenuti illi allura huma proprjetarji tan-nofs indiviz gia spettanti lill-imsemmi Joseph Galea mill-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejnu u bejn martu, u l-kwart indiviz l-iehor mill-istess komunjoni illi huwa wiret minghand martu ;

Illi sa fejn jafu l-esponenti, il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Galea kienet tikkonsisti fid-dar fi Triq Gnien Xibla, (*) Xaghra, mibnija fuq porzjon art ‘Tan-Nigret’ tal-kejl ta’ cirka tlett sighan tmiss nofsinhar ma’ beni ta’ Michaelangelo Vella, lvant mat-triq, u tramuntana ma’ beni ta’ Giorgio Sultana, kif ukoll fil-lok ta’ djar numri tlieta u sittin, erbgha u sittin, u hamsa u sittin (63, 64, 65), Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tillikwida l-beni gia formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti tal-mejtin Joseph u Carmela Galea billi tiddikjara

illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza .

2. Tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikulari ta' Joseph Galea u lill-assi partikolari ta' Carmela Galea ;

3. Tiddividi l-beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' Carmela Galea f'sebgha porzjonijiet, illi minnhom wahda tkun tikkomprendi n-nofs indiviz mill-assi spettanti lil Carmela Galea u illi tigi assenjata lil Joseph Galea, mentri s-sitt porzjonijiet l-ohra jkunu ugwali, cioe' dodicesima parti kull wahda, illi jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi ta' Joseph Sultana, l-assi ta' Manwel Sultana, l-assi ta' Louis Sultana, l-assi ta' Mananni Bajada, l-assi ta' Victoria Bajada u l-assi ta' Michelina Farrugia – u sussegwentement dawn il-porzjonijiet jigu suddivizi bejn id-dixxendenti ta' kull wiehed u wahda mill-ahwa originali kif spjegat hawn fuq ;

4. Tahtar nutar pubbliku u tiffissa l-jum hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' divizjoni tal-assi ereditarji hekk rizultanti, bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att ;

5. Fin-nuqqas, f'kaz illi jirrizulta illi l-beni mhumiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad .

Bl-ispejjez, kontra taghkom .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi konfermata bil-gurament ta' Louis Sultana .

Rat in-nota ta' l-eccezzonijiet tal-konvenuti li eccepew :

1. Illi l-eccipjenti qatt ma opponew ruhhom u mhumiex qeghdin jopponu ruhhom ghall-qasma tal-assi ereditarji tal-mejtin Carmela u Giuseppe Galea purche' li qabel tigi verifikata l-konsistenza tal-assi in divizjoni kif ukoll tigi stabbilita l-kwota spettanti lill-partijiet in kawza ;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament ta' Alphonso Mizzi .

Rat id-digriet taghha ta' l-20 ta' Gunju 2002 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bhala espert tekniku f'din il-kawza sabiex wara li jara l-fondi ghall-qasma jirrelata jekk dawn humiex komodament divizibbli u fin-nuqqas jaghmel stima taghhom .

Rat ir-Rapport ta' l-istess A.I.C. Joseph Mizzi pprezentat fil-11 ta' Ottubru 2002 u minnu mahluf fit-8 ta' Awissu 2003 .

Rat in-nota tal-partijiet tal-14 ta' Meju 2003 li biha ndikaw il-kwoti rispettivi tal-kontendenti f'din il-kawza .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :
Illi din hija kawza ghall-likwidazzjoni u divizjoni ta' eredita' illi minnha l-kontendenti kollha ghandhom sehem indiviz .

Irrizulta illi l-konjugi Joseph u Carmela Galea mietu minghajr ulied . L-ewwel li mietet kienet il-mara li ma ghamlitx testment u ghalhekk skond il-ligi wirtuha, kwantu ghan-nofs l-istess zewgha, u kwantu ghan-nofs l-iehor hutha, u f'kaz ta' premorjenza uliedhom *per stirpes* . Ir-ragel pero' lahaq ghamel testment qabel miet u a tenur ta' dan it-testment halla bhala eredi universali tieghu lill-konvenuti konjugi Mizzi .

Irrizulta wkoll illi l-unici beni li hallew Joseph u Carmela Galea huma dawk indikati fir-rapport ta’ l-espert nominat mill-Qorti l-A.I.C. Joseph Mizzi, u cioe’ :

1. il-fond numru 63, 64 u 65 fi Triq il-Knisja, ix-Xaghra, Ghawdex, u
2. fond bla numru fi Triq Gnien Xibla, (*) ix-Xaghra, Ghawdex, bil-mandra annessa mieghu, deskritti ahjar fl-istess rapport .

Jidher illi dawn il-beni kienu jappartjienu lill-komunjoni ta’ l-akkwisti gia esistenti bejn il-konjugi Galea, ghax ma ngiebet ebda prova kuntrarja, u lanqas ma rrizulta li kien hemm xi assi parafernali . L-ereditajiet in divizjoni jigi ghalhekk li jikkonsistu unikament f’dawn iz-zewg fondi hawn indikati . Fil-kors tas-smiegh ta’ din il-kawza l-kontendenti pprezentaw kontestwalment nota fejn indikaw il-kwoti rispettivi taghhom minn dawn l-ereditajiet . Minn din in-nota jidher illi jaqblu illi dawn ghandhom jinqasmu kwantu ghal tliet kwarti (3/4) lill-konvenuti (nofs il-komunjoni ta’ l-akkwisti u l-kwart li wiret minghand martu) u r-rimanenti kwart (1/4) bejn l-atturi (kwart tal-komunjoni ta’ l-akkwisti), li jiehdu minflok ommhom jew missierhom skond il-kaz, li kienu l-ahwa ta’ Carmela Galea .

Fir-rapport tieghu l-A.I.C. Mizzi ddikjara illi dawn iz-zewg fondi in divizjoni mhumiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti . Mehud in konsiderazzjoni n-numru kbir ta’ kondividenti, l-Qorti ma tistghax ma taqbilx ma din il-konkluzjoni ta’ l-espert taghha . Ghalhekk l-unika triq li jibqa’ huwa illi l-istess fondi jingiebu ghall-bejgh in subbasta sabiex ir-rikavat mbaghad jinqasam bejn il-kontendenti kollha skond is-sehem rispettiv taghhom .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi:

1. tilqa’ l-ewwel talba u tillikwida l-beni gia formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti tal-mejtin Joseph u Carmela Galea billi tiddikjara illi jikkonsistu fiz-zewg fondi fix-Xaghra, Ghawdex, msemmija hawn fuq u deskritti fir-relazzjoni ta’ l-espert taghha l-A.I.C. Joseph Mizzi ;

2. tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti gia appartenenti lil kull wiehed mill-konjugi Galea jikkonsisti fin-nofs (1/2) indiviz ta' dawn il-fondi ;

3. tilqa' t-tielet talba u tiddikjara illi l-assi partikolari ta' Joseph Galea jikkonsisti fi tliet kwarti (3/4) indivizi ta' dawn il-fondi, liema sehem illum jispetta lill-konvenuti konjugi Mizzi bhala eredi universali tieghu; filwaqt illi l-assi partikolari ta' Carmela Galea jikkonsisti fil-kwart (1/4) indiviz ta' l-istess fondi, illum appartenenti *per stirpes* lit-tfal ta' hutha mejtin skond il-kwoti ndikati fin-nota tal-kontendenti ta' l-14 ta' Mejjju 2003 ;

4. billli l-fondi ghall-qasma mhumiex komodament divizibbli bejn daqstant kondividenti, tichad ir-raba talba; u

5. tilqa' l-hames talba u tordna l-bejgh in licitazzjoni taz-zewg fondi msemmija hawn fuq, kif deskritti u stmati fir-relazzjoni ta' l-A.I.C. Joseph Mizzi, sabiex ir-rikavat imbaghad, wara li jitnaqqsu l-ispejjez, jinqasam bejn il-kondividenti, skond il-kwoti rispettivi taghhom .

L-ispejjez tal-kawza, billi din hija wahda ta' divizjoni ta' eredita', ghandhom jigu ssoportati mill-kontendenti, kulhadd skond sehmu.

S1802Pc

(*) U b'degriet tal-24 ta' Settembru, 2004, gie ordnat li "Triq Gnien Xibla" ghandha tigi taqra bhala "Triq Parisot" .

**< Sentenza Finali >**

-----------------------

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------